**Kunsill Reġjun Punent**
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **45**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-12:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

President: Is-Sur Sandro Azzopardi

Il-Qrendi: Viċi President is-Sur David Michael Schembri

Ħaż-Żebbuġ: Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi

Is-Siġġiewi: Sindku s-Sur Julian Borg

Ħad-Dingli: Sindku Raymond Schembri

Ħal Kirkop: Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit

L-Imqabba Sindku s-Sa Marie Grace Zerafa

Ħal Safi Sindku s-Sur Johan Mula.

Iż-Żurrieq: Sindku s-Sa Rita Grima

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

L-Imdina: Sindku s-Sur Peter Sant Manduca

Ir-Rabat: Sindku s-Sur Alexander Craus

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:30 ta' filgħaxija. Fis-18.00 il-laqgħa ġiet sospiża sa 19.30 minħabba intervent tal-President tal-AKL is-Sur Mario Fava li ġie fil-laqgħa biex jiltaqa' mal-Kunsill.

**45.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ir-Reġjun Punent irċieva ittri ta' apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca u is-Sindku tar-Rabat s-Sur Alexander Craus. Fuq proposta tal-President, kien hemm qbil unanimu sabiex dawk il-membri mhux preżenti jitniżlu skużati.

**45.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 44;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 44 li saret nhar id-19 ta' Diċembru 2024.

Sekondant: is-Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**45.03 Komunikazzjoni mill-President**

**45.03.01** Nhar l-20.12.24 Cir AKL 2024/089_RIGHTS: Training sessions in January li ser isiru nhar 15 u 17.01.24 ġewwa Malta u 29.01.24 ġewwa Ghawdex.

**45.03.02** Nhar l-20.12.24 irċeveijna Ċir AKL 2024/090_Promoting Active Ageing Through Intergenerational Learning: A Transformative Journey. Proposta relatata ma' sensory gardens ġewwa care homes residenzjali.

**45.03.03** Nhar il-21.1.24 sar futbol tournament ġewwa il-grawnd taż-Żurrieq.

**45.03.04** Nhar it-23.12.24 irċevejna Ċir AKL 2024/091_Formola għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-armi tan-nar. Din l-informazzjoni għanda tiġi mqassma mar-residenti tal-lokal.

**45.03.05** Nhar it-02.01.25 irċevejna SPI/SCI/1/2025 - Korsijiet Lifelong Learning 2025/2026 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabilita'. Kull Kunsill Lokali/Reġjonali interessat għandu jissottometti l-applikazzjoni onlajn sa mhux iktar tard minn nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2025.

**45.03.06** Nhar is-07.12.24 bdew id-Drama 'workshops' tal-proġett ta' ACM Art for Social Change, Empowering Artists, transforming communities.

**45.03.07** Nhar 07.01.25 irċivejna mingħand AKL Cir AKL 2025 - 001 - Mental Health First Aid Training 2025. Dan ser ikun taħrig li ser jittella' nhar 25-26.02.25.

**45.03.08** Nhar is-07.01.25 ġejna avviċinati mis-Sur Fenech Adami għall -possibbilità li GymStars Gymnastics Club japplika għall-fondi biex jappoġġjaw avveniment li qed jorganizzaw. Jekk l-applikazzjoni għall-finanzjament tiġi approvata, offra korsijiet b'xejn għat-tfal ġewwa r-Reġjun.

**45.03.09** Nhar is-07.1.25 irċevejna PQ 24381- Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Xiri ta' karozzi ġodda – Nefqa. L-ONOR Julie Zahra staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali:

*Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus biex inxtraw karozzi ġodda taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, minn*

*Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż informazzjoni dwar il-mudell tal-karozzi li nxtraw, minn liema kumpanija u meta nxtraw, jekk inxtrawx b'direct order jew b'tender pubbliku, l-ammont li nxtraw, u jagħti l-pożizzjoni u l-grad tal-persuna għal min inxtrat kull karozza?*

Ir-risposta tar-Regjun Punent kienet NIL.

**45.03.10** Nhar is-07.01.2025 irċevjna PQ24398 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali - Kiri ta' karozzi – Nefqa. L-ONOR Julie Zahra staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali:

*Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus biex inkrew karozzi taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, minn Ġunju 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż informazzjoni dwar il-mudell tal-karozzi li nkrew, minn liema kumpanija nkrew, id-data tal-bidu u t-tmiem ta' kull kirja, jekk inkrewx b'direct order jew b'tender pubbliku, l-ammont li nkrew u jagħti l-pożizzjoni u l-grad tal-persuna għal min inkriet kull karozza?*

Ir-Reġjun Punent ta' ir-risposta skond kif mitlub.

**45.03.11** Nhar 08.01.25 irċevejna mingħand il-EUPA fejn infurmawna li ser ikun hemm avveniment miftuħ kemm għal ġodda kif ukoll dawk b'esperjeza preċedenti fil-programm ta' Edukazzjoni għall-Adulti Erasmus+. Dan ser issir nhar id-19-20 ta' Frar.

**45.03.12** Nhar it-08.01.25 irċevejna il-Payscales 2025.

**45.03.13** Nhar it-08.01.25 irċevejna statistika fir-rigward tal-iskeda u s-separazzjoni obbligatorja tal-iskart (Kwart 4).

**45.03.14** Nhar it-08.01.25 il-Maniger tal-EU-Fondki lokali bagħtet informazzjoni dwar Skema European Cooperation Projects taħt il-programm *Creative Europe.* Din skema taghlaq fi 13.05.24

**45.03.15** Nhar 08.01.25 kellna l-ewwel seduta tar- RIGHTS Project | Western Regional Children's Council

**45.03.16** Nhar id-09.01.25 irċevejna mingħand DLG Save-the-date: Capacity building: the key to good regional and local governance Project's Final Conference; funded through the EEA/Norway Funds-li ser issir nhar 30.01.25.

**45.03.17** Nhar id-09.01.25 kellna l-Annual gathering ghal-Kunsilliera, u ħaddiema tal-Kunsilli Lokali fi Ħdan ir-Reġjun Punent.

**45.03.18** Nhar l-10.01.25 irċevejna Ċir AKL 2025/002 Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali.

**45.03.19** Nhar l-10.01.25 irċevjena mil-EUPA li l-applikazzjoni għal proġett EMPOWER that 2024 KA210 AE Round 2 Call ma ġietx aċċetata.

**45.03.20** Nhar l-14.01.25 irċevejna Ċir AKL 2025/004_Increasing Digitalisation Awareness & Readiness of Maltese Communities - Online Training li ser jsir nhar l-04, 11, 18-02-2025 onlajn

**45.03.21** Nhar l-14.01.25 irċevejna Ċir AKL 2025/005_Introduction to Basic IT Software for CIES Employees.

**45.03.22** Nhar il-15.01.24 il-Maniġer tal-EU u Fondi lokali informat lil-organizzajonijiet

volontarji tar-Reġjun rigward sessjonijiet ta taħriġ maħruġa mil-MCVS fil-Marketing u Branding. Dawn ser ikunu fuq livell Baziiku u Avvanzat u ser isiru fi Frar.

**45.03.23** Nhar is-17.01.25 irċevejna Ċir AKL 2025/007_Award in English Writing and Reading for Business Management - Gozo Cohort

**45.03.24** Nhar is-17.1.25 irċevejna mingħand VO Dance Beyond Borders li ser ikunu qed jorganizzaw laqgħa biex jagħtu dawl fuq il-kwistjonijiet intersezzjonali madwar il-migrazzjoni, refuġju u l-kultura. Din ser issir nhar 21.03.25.

**45.03.25** Nhar is-17.01.25, l-ES attendiet għal Virtualmalta.com project launch

**45.03.26** Nhar l-20.01.25 irċevejna PQ 23595-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali – Credit/Debit cards. L-ONOR Toni Bezzina staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali:

*Jista' l-Ministru jgħid jekk l-entitajiet li jaqgħu taħtu jagħmlux użu minn credit/debit card pubblika u min għandu l-faċilità li juża kull credit/debit card? Għal xiex tintuża kull credit/debit card u x'inhu l-limitu ta' nefqa kuljum għal kull credit/debit card? Jista' jgħid ukoll x'kienet in-nefqa minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar u x'inxtara, item item, b'din il-credit/debit card?*

Ir-Reġjun Punent ma jagħmel ebda użu minn credit/debit card

**45.03.27** Nhar l-20.01.25 ħarġet nota mid-DOI fejn infurmaw li saret l-elezzjoni każwali għall-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ fejn is-Sur Philip Scicluna tela' bħala Kunsillier flok il-mibki Kunsillier Godwin Grech.

**45.03.28** Nhar l-20.01.25 irċevejna stedina għal l-avveniment finali tal-proġett FER_PLAY li jippromwovi fertilizzanti ċirkolari. Din il-laqgħa ser issir ġewwa Brussels u ser toffri opportunità biex wieħed jimpenja ruħu mal-partijiet interessati ewlenin, jikseb għarfien dwar rakkomandazzjoni ta' politika, riċerka avvanzata u strateġija ta' implimentazzjoni prattiċi.

**45.03.29** Nhar it-22.01.25 irċevejna mis-Sa Azzopardi sabiex nibgħatu l-informazzjoni meħtieġa. Kif ukoll infurmatna li m'għadx hemm il-ħtieġa li nibgħatu hard copy tal-Unaudited statements. Dawn ser inkunu qed nibgħatuhom soft copy.

**45.03.30** Nhar it-22.01.25 irċevejna stedina għal konferenza stampa għal Skemi għas-sena 2025 li saret nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2025 fil-11:00am, ġewwa Chaplain's Hall, Villa Bighi, Kalkara u għaliha attenda il-President.

**45.03.31** Nhar 23.01.25 irċevejna li gie iffirmat il-ftehim kollettiv ġdid għall-ħaddiema klerikali fi ħdan il-Kunsilli Lokali u Reġjonali.

**45.03.32** Nhar 23.01.25 ircivjena mingħand MTA li ser ikun hemm il-Malta National Tourism Conference ġewwa MCC bit-tema "SHAPING THE FUTURE" li ser issir nhar 12.02.25.

**45.03.33** Nhar l-24.01.25 irċevejna stedina mingħand FES sabiex nipparteċipaw fi Skolasajf 2025: Partner Confirmation and Details Request.

**45.03.34** Nhar l-24.01.25 erġajt bgħatt lid-DG DLG sabiex itina risposta fuq Penali fuq il-kuntratti tal-iskart; Fatturi tar-Rejects; Allokazzjoni Finanzjarja 2025; Skart Kummerċjali.

**45.03.35** Nhar is-27.01.25 irċevejna Annual Procurement Plan Report 2025.

**45.03.36** Nhar is-27.01.25 irċevejna Ċir AKL 2025/008_MBA Event for the General Public as part of EMW 2025 Public.

**45.03.37** Nhar is-27.01.25 irċevejna mill-Kunsill Nazzjonali tal-ilsien Malti li ser ikunu qed jorganizzaw Kors fil-qari tal-provi bil-Malti (MQF 5).

**45.03.38** Nhar is-27.1.25 irċevejna mill-JM International fejn infurmawna li f'Ġunju zgħażagħ minn madwar l-Ewropa se jingħabru fi Strasburgu għas-6 edizzjoni EYE2025. Dan hu ċans sabiex tikkonnettja mal-istuzzjonijiet tal-Ewropa, tqanqal konversazzjonijiet, tesprimi ideat u tiċċelebra l-progress, permezz tal-mużika. Il-Parlament Ewropew u JM International qed jingħaqdu biex isibu l-aqwa atti mużikali emerġenti tal-Ewropa.

**45.03.39** Nhar is-27.1.25 irċevejna Ċir AKL 2025/009 _Getting HR Right – Mastering Interviewing Skills. Dan ser issir nhar il-05.02.25 fejn se tingħata ħarsa lejn il-proċess tar-reklutaġġ kif ukoll kif wieħed jistà jagħmel interview strutturat aħjar.

**45.03.40** Nhar 17.02.25 ser issir laqgħa mitluba mis-Sindki ma; IM u TM dwar problemi li għandhom il-Kunsilli Lokali

**45.04 Tweġibiet għall-mistoqsijiet.**

Is-Sindku ta' Safi staqsa fuq it-tender tal-Iskart. Il-President wieġeb li ser jkun qed joħroġ matul dis-sena.

**45.05 Tqegħid ta' Dokumenti/ rapporti**

**45.05.01** Rapport tal-Maniġer tal-Iskart

**45.05.02** Rapport tal-Maniġer tal-Ambjent

**45.05.03** Rapport tal-Maniġer tal- Proġetti

**45.05.04** Rapport tal-Maniġer tal- EU/Fondi Lokali

**45.05.05** Rapport tal-Maniġer tal-Kultura

**45.05.06** Rapport tal-Maniġer tal-IT

**45.05.07** Kwotazzjoni RFQ208/2024 – Request for Quotation for Networking Lunch

**45.05.08** Kwotazzjoni RFQ209/2024 – Request For Quotation for Staff Lunch

**45.05.09** Kwotazzjoni RFQ204/2024 – Request For Quotation for Networking Reception

**45.06 Approvazzjoni ta' Xiri**

**45.06.01** Kwotazzjoni RFQ208/2024 – Request for Quotation for Networking Lunch

Il-President informa li ntbaghtu inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna 3 offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri.
Il-Kunsill qabel unanimament.

**45.06.02** Kwotazzjoni RFQ209/2024 – Request for Quotation for Staff Lunch

Il-President informa li ntbaghtu inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom irċivejna offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta

Sekondant: Is-Sindku ta' l-Mqabba, is-Sa. Grace Marie Zerafa.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**45.06.03** Kwotazzjoni RFQ210/2024 – Request for Quotation for Networking Reception

Il-President informa li ntbaghtu inviti għal kwotazzjonijiet li minnhom rċivejna offerti. Il-President ippropona li tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Hal-Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament.

**45.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.33**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru33.

Proponent: Is-Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Sekondant: Is-Sindku ta' Hal-Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**45.08 Budget 2025 u Pjan Finanzjarju għal 5 snin**

**45.08.01** Il-President iddiskuta u ressaq għall-approvazzjoni il-Budget 2025

Sekondant: Is -Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula

Il- Kunsill qabel unanimament

**45.08.02** Il-President iddiskuta u ressaq għall-approvazzjoni l-Pjan Finanzjarju għal ħames snin li ġejjin.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ, is-Sur Steve Zammit Lupi

Il- Kunsill qabel unanimament

## 45.09 Performance Bonus DES u ES

**45.09.01** Il-President ressaq għall-approvazzjoni il–Performance Bonus ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv Elke Sghendo (Jannar – 14 t’ April 2024)

Sekondant: Is-Sindku ta’ Had-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**45.09.02** Il-President ressaq għall-approvazzjoni il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv Tania Farrugia (15 T’ April – 29 ta’ Settembru Part-time u 30 ta’ Settembru – 31 ta’ Diċembru Full- Time)

Sekondant – is- Sindku tal-Qrendi – is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

## 45.10 Materji Oħra

### 45.10.01 Unaudited Financial statements 2024

Il-President ippropona sabiex ir-Regjun Punent japprova l-unaudited financial statements għas-sena 2024.

Sekondant: Is-Sindku ta’ Ħal-Kirkop is-Sur Matthew Agius
Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**Rapport Finanzjarju Q4 – 2024**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju Q4-2024.

Sekondant: Is-Sindku ta’ Ħal-Kirkop is-Sur Matthew Agius
Il-Kunsill qabel unanimament.

### 45.10.02 Rapporti tal Maniġers

**45.10.02.01 Rapport tal-Maniġer tal-Kultura**

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Kultura.
Sekondant: Is-Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**45.10.02.02 Rapport tal-Maniġer tal-Ambjent**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Ambjent.
Sekondant: Is-Sindku ta’ Ħal-Safi is-Sur Johan Mula

Il Kunsill qabel unanimament

**45.10.02.03 Rapport tal-Maniġer tal-Iskart**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Iskart.
Sekondant: Is-Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**45.10.02.04 I-President ippreżenta ir-rapport tal-Maniġer tal-Proġetti**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Proġetti.
Sekondant – Is-Sindku ta' Hal-Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il–Kunsill qabel unanimament

**45.10.02.05 Rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej.
Sekondant – Is-Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**45.10.02.06 Il-President ippreżenta ir-rapport tal-Maniġer tal-IT**

Il-President ippreżenta għal approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-IT.
Sekondant – Is-Sindku ta' Hal-Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il–Kunsill qabel unanimament

**45.10.03 Student tal-MCAST**

Il-President ippropona li jsir kuntatt ma MCAST biex jiġi ingaġġat student fil-Marketing u 'Content Creation' bħalha apprentist ma' Reġjun Punent.

Sekondant – Is-Sindku ta' Hal Safi is-Sur Johan Mula
Il–Kunsill qabel unanimament

**45.10.04 Talba ta' għajnuna finanzjarja biex jintraw 'Buddy Benches'**

Il-President semma li nhar it-28.01.25 irċevejna talba għal għajnuna finanzjarja u kwotazzjoni mingħand il-kap tal-iskola primarja taż-Żurrieq biex jinxtraw 3 'Buddy benches'

Ma kienx hemm qbil fuq din il-proposta u għalhekk it-talba ma ġietx milqugħa.

**45.10.05 Talba għal sapport mingħand Gymstars Gymnastics Club**

Il-President semma li nhar l-20.01.25 irċevejna il-proposta mis-Sa Borg minn GymStars Gymnastics Club, fejn ser jkunu qed jorganizzaw avveniment internazzjonali 'Gymstars International Novice Developmental Gymnastics event'. Huma talbu is-sapport tar-Reġjun biex jinxtara apparat meħtieġ u tiġi provduta għajnuna biex tiġi organizzata ħarġa kulturali jew ikla għall-parteċipanti. Ta' dan huma offrew klassijiet ta' ġinnastika b'xejn għal perjodu ta' sena għal 150 tifel u tifla li joqgħodu fir-Reġjun.

Ma kienx hemm qbil fuq din il-proposta u għalhekk it-talba ma ġietx milqugħa.

**45.10.06 Jum il-Ktieb 2025**

Il-President ippropona sabiex ir-Reġjun Punent jiċċelebra Jum il-Ktieb 2025 b' kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali b'allokazzjoni ta' Eur500 lil kull Kunsill. Il-Kunsilli Lokali għandhom jgħarrfu lir-Reġjun bl-attivitajiet li ser ikunu qed itellgħu u jagħmlu r-reklamar meħtieġ.

Sekondant – Is-Sindku ta' Hal Safi is-Sur Johan Mula
Il–Kunsill qabel unanimament

**45.11 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fid-21.00 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **18 ta' Frar, 2025 fil-17:30** fl-Uffiċċju tar-Reġjun.

Sandro Azzopardi
President Reġjun Punent

Tania Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum